**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Josric Mifsud)**
**vs**
**Brian Caruana**

**Illum, 21 ta' Gunju 2017**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Brian Caruana**, detentur tal-karta tal-identita b'numru 250677M

Akkuzat talli fl-24 ta'Awissu 2006 ghal habta ta' xi 10.00 pm waqt li kont fil-pjazza tal-Birgu

1. Ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura hafifa fuq Raymond Piscopo, skond ma ccertifika Dr. I. Gauci MD (Reg. 2488) mic-centru tas-sahha ta' Rahal Gdid u dan bi ksur tal-Artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Talli volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' ghamel

hsara fl-istess proprjeta` ghad-dannu ta' Raymond Piscopo mill-Fgura, liema hsara hija ta' anqas minn Lm500 (hames mitt Lira Maltin) ghad-dannu tal-istess Raymond Piscopo u dan bi ksur tal-Artikolu 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Akkuzat ukoll talli:

3. Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi hebb ghal Raymond Piscopo u dan sabiex jingurjah, idejjqu jew jaghmillu hsara u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339(d) u (e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Akkuzat ukoll talli:

4. Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indicenti jew ghamel atti jew gesti oxxeni, jew b'xi mod iehor li mhux provdut fil-Kodici Kriminali, offenda l-morali, l-imgieba xierqa jew id-dicenza pubblika, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(bb) u 342 tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta;

Akkuzat ukoll talli:

5. Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi imbotta lill-imsemmi Raymond Piscopo u dan sabiex iwegghu jew jinsolentah u dan bi ksur tal-artikolu 339(1)(1) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Akkuzat ukoll talli:

6. Fl-istess jum lok hin u cirkustanzi kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes, ghajjat u glied, jew b'mod iehor, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta;

Liema reati bhala ufficjal Pubbliku cioe' Surgent fil-Korp tal-Pulizija kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat id-dokumenti esebiti u qieset il-provi kollha prodotti.

Semghet trattazzjoni tal-partijiet.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi fir-rigward tal-ewwel akkuza l-provi mressqa mill-prosekuzzjoni huma konfliggenti. Mhux biss izda l-Prosekuzzjoni naqset milli ggib l-aqwa prova u cioe x-xhieda tal-vittma. Minkejja illi jidher skond il-verbal li l-vittma xehdet fis-seduta ta' 1 ta' Gunju 2007 fil-fatt mill-process jirrizulta biss illi l-vittma prezentat ir-ritratti taghha izda ma tat l-ebda xhieda, jew ghal-lanqas ma tirrizulta l-ebda xhieda fil-process.

Illi ghalhekk il-Prosekuzzjoni naqset milli ggib l-aqwa prova fil-konfront tal-imputat fir-rigward ta' l-ewwel akkuza, liema prova trid tkun minghajr l-ebda ragonevoli dubju kif rikjesta mil-ligi fil-kamp kriminali. Konsegwentament il-Qorti ma tistax issib htija fl-imputat fir-rigward ta' din l-ewwel akkuza.

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tillibera lill-imputat mill-imsemmija l-ewwel akkuza.

Illi fir-rigward tat-tieni akkuza mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni ma tirrizulta l-ebda prova dwar il-hsarat allegatament kagunati mill-imputat. Konsegwentament tali akkuza ma tirrizultax pruvata. Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tillibera lill-imputat ukoll mill-imsemmija akkuza.

Illi fir-rigward tat-tielet, ir-raba, l-hames u s-sitt akkuza, illi huma reati ta' natura kontravenzjonali, jirrizulta mic-citazzjoni illi din giet mahruga fit-30 ta' Novembru 2006 meta l-kaz sehh fl-24 ta'Awissu 2006. Konsegwentament tali akkuzi kienu gia preskritti meta nharget l-istess citazzjoni. Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tillibera lill-imputat mill-imsemmija akkuzi.

Il-Qorti ghalhekk qeghda tillibera lill-imputat mill-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur